ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
17 AUG 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

EC/00065/2021

Awtorita' tal-Ippjanar

Vs

Paul Farrugia (107467M)

Rikors ta' l-appell ta' Paul Farrugia (107467M)

Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti gie notifikat b'avviz mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar fis-26 ta' Lulju 2021 (Referenza EC/00065/2021) ai termini tal-Artikoli 95, 97, 99 u 100 tal-Att VII tas-sena 2016 koncernanti l-fond **38, Triq Hilda Tabone, Vittoriosa**, fejn gie mgharraf illi:

> *"Peress li sar ksur tal-Artikolu 99 tal-Att VII tas-sena 2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp li bid-dehra u/jew kundizzjoni tas-sit qieghed ihassar il-gmiel hew siwi taz-zona li qieghed fiha minhabba li s-sit qieghed fi stat ta' abbandun".*

Illi ghalhekk l-Awtorita' tal-Ippjanar esegiet illi *"Titnaqqas il-hsara billi ssir manutenzjoni necessarja fi zmien 16-il ġurnata".*

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat bl-avviz fuq imsemmi u qieghed ghalhekk jintavola dana l-umili appell.

Illi matul is-snin li ghaddew l-esponenti spjega direttament f'diversi okkazjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar li s-sit ma huwiex formalment registrat fuq ismu u l-anqas ma huwa l-okkupant tieghu.

Illi l-esponenti informa lill-awtorita' tal-Ippjanar li dana seta' jigi facilment verifikat billi ssir ricerka fir-Registru Pubbliku.

Illi zgur li mill-*file* relattiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar ser jirrizulta li fuq direzzjoni tal-esponenti l-istess Awtorita' kkomunikat ma' l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici, li jirrapprezenta s-sidien tal-fond, li dana kkonferma s-suriferit, u huwa ghalhekk inkoncepibbli kif l-avviz seta' qatt jinhareg fil-konfront al-esponenti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, aggravju iehor tal-esponenti huwa li l-avviz huwa nieqes ghal kollox minn dak li qieghed jigi allegatament rikjest mill-esponenti. Ghalhekk l-avviz ma nharigx fil-parametri legali mehtiega, bil-konsegwenza li gahndu jigi skartata.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lil dana l-abbli Tribunal jilqa' dana l-appell u jhassar l-avviz fuq indikat, soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilu opportun jimponi.

Av. Paul Farrugia
47/4, South Street, Valletta VLT 1101

Appellant – 47/4, South Street, Valletta VLT 1101